**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX )**
**SUPERJURI CIVILI**

**MAGISTRAT:**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG. JUR. (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-20 TA' MARZU 2002**

Citazzjoni numru 213/00

Deborah Sacco

vs

Mario Saliba

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attrici fejn ippremettiet:

"li l-kontendenti kienu kkuntrattaw zwieg fis-17 ta' April 1994 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

li sussegwentement il-kontendenti sseparaw legalment u bonarjament permezz ta' kuntratt li gie ppublikat minn Nutar Dottor Silvio Hili fis-17 ta' Awissu 1999;

li fil-kaz ta' l-attrici l-kunsens ghal dak iz-zwieg kien eskluz minhabba zball fuq l-identita tal-konvenut;

li l-kunsens tal-attrici kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalitajiet tal-konvenut li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja mizzewga;

li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

TALBET ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-17 ta' April 1994 null u minghajr ebda effett legali peress li l-kunsens tal-attrici kien eskluz minhabba zball fuq l'identita' tal-konvenut a tenur tal-artikolu 19(1)(b) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara l-istess zwieg null u minghajr ebda effett ghaliex il-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalitajiet tal-konvenut kif ser jigi dettaljatament spiegat u ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza liema kwalitajiet jistghu mix-xorta taghhom ifixklu serjament il-hajja mizzewwga a tenur tal-artikolu 19(1)© tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. tiddikjara l-istess zwieg null u minghajr ebda effett legali minhabba li l-kunsens da parti tal-konvenut kien ivvizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha a tenur tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. tiddikjara l-istess zwieg null u minghajr ebda effett legali minhabba li l-kunsens da parti tal-konvenuti kien ivvizjat minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg a tenur tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut li ecepixxa:

1. li d-domandi tal-attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu ma hux minnu li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null ghar-ragunijiet allegati mill-attrici ghalkemm ma hux eskluz li z-zwieg jista' jkun null minhabba ragunijiet u difetti attribwibbli unikament lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-attrici qeghdha titlob li jigi dikjarat null iz-zwieg kontrattat mal-konvenut fis-17 ta' April 1994 fuq il-kriterji imfissra fl-Artikolu 19 tal-Kap 255, senjatament is-subincisi (b)(c)(d).

Is-subincisi citati jipprovdu:

19(b) - jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra;

19(c) - jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19(d) - jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Mir-rizultanzi processwali johrog wisq car x'kien li wassal ghal kolass totali ta' dan iz-zwieg. Fil-waqt li huwa ben dimostrat li gew gravement imminati 'id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali' taz-zwieg, jirrisulta li kien sa mill-bidu 'vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga' minhabba anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli l-qadi tal-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg.

Konsiderati l-fatti tal-kaz jirrisulta li l-problema ma kinitx xi haga fisika izda pjutost wahda psikika jew psikologika. Jirrisulta mix-xhieda tat-tobba li ma kienx hemm anomaliji fis-sens ta' difetti fl-orgni genitali jew riproduttivi, u fi kliem Dun Anton Borg, li kien intimament ghak-konoxxjenza tal-problema, din kienet tikkonsisti fi 'blockage', igifieri fattur psikologiku, li setghet avverrat ruhha minn attegjament antecedenti. Huwa zied li dak li ma setghax jiddetermina kien jekk dan il-'blockage' kienx generali jew soggettiv ghall-partijiet.

Inghad dan il-Qorti thoss li jkun superfluwu tiddilunga billi fil-fehma taghha jirrisulta bl-aktar mod lampanti n-nullita taz-zwieg taht id-dispositiv ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255.

Dana premess qeghdha ghaldaqstant tiddecidi il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-17 ta' April 1994 u dana a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255.

L-ispejjez ghandhom jigu ssuportati miz-zewg partijiet nofs kull wiehed.

(ft) A.M.Trigona
Magistrat

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur